# Diskors tal-Qsim tal-Awguri tas-Sena l-Ġdida mal-Presbiterju Djoċesan

**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, il-Belt Victoria**

**Is-Sibt 16 ta' Jannar 2016**

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

## MINISTRI TAL-MIŻERIKORDJA

Għalkemm ma nistgħux ma nirrikonoxxux il-qabża kbira li saret fit-titjib tal-ħajja ta' madwarna, l-esperjenza ta' kuljum tixhdilna li minkejja kollox, il-bniedem jibqa' jħabbat wiċċu ma' għadd enormi ta' limitazzjonijiet. Minkejja kollox, insibu ruħna mrażżnin għaliex aħna bnedmin limitati. Fi kliem Heidegger, il-bniedem huwa *essere per la morte*. Din ir-riħa tal-mewt sikwit taħbat tagħlqilna mnifsejna, kemm meta ngħaddu minn waqtiet ta' dgħufija personali (mard, tbatija fiżika, psikika jew spiritwali), kemm meta naraw il-konsenturi fir-relazzjonijiet interpersonali u fil-komunitajiet tagħna, bħal fil-każ taż-żwiġijiet, fil-familji, fuq l-għant tax-xogħol, fil-parroċċi, inkluż ukoll il-presbiterju djoċesan. Propju għax kont konxju minn din il-ġerħa soċjali u ekkleżjali li tnixxi d-demm, fil-ftuħ ta' dan il-Ġublew Straordinarju minn qalbi ħarġet tnehida biex matul din is-Sena naħdmu fuqna nfusna sabiex insewwu dawn ir-relazzjonijiet. Għax meta x-xibka tar-relazzjonijiet ġenwini titqatta', tikber it-tentazzjoni li l-bniedem jieħu permess li jagħmel dak li jiġi għal idejh biex mingħalih jagħmel tajjeb għal-limitazzjonijiet tiegħu – u allura joktru l-inġustizzja, il-korruzzjoni, is-serq, il-vjolenza, u l-bqija.

Dan u aktar ilaqqagħna mal-esperjenza tat-tbatija. Meta l-morsa tat-tbatija tagħfas sewwa, b'mod naturali l-bniedem jibda jistaqsi għaliex Alla jippermetti dan kollu – il-bniedem jaħbat jinfixel kif jista' jiġġustifika l-preżenza tal-ħażen ma' Alla li huwa Mħabba. Il-kittieb Franċiż Stendhal jgħid li l-unika skuża għal Alla quddiem il-fenomenu tat-tbatija hija li Alla ma jeżistix! U Romano Guardini jgħid li fil-Ġudizzju Universali jipprova ma jħallix lil Alla jagħmillu l-mistoqsijiet, imma hu stess jagħmel il-mistoqsija lil Alla dwar għaliex it-tbatija fid-dinja. Meta l-bniedem jasal biex jagħmel dawn id-domandi jkun verament mess il-qiegħ tal-limitazzjonijiet tiegħu, aktar u aktar jekk fiċ-ċkunija tiegħu jfettillu jniżżel is-separju u hekk jaqta' l-komunikazzjoni ma' Alla.

Meta niżnu din il-mistoqsija tqila tal-bniedem nintebħu li indirettament il-bniedem qed ifittex il-miżerikordja u t-tenerezza ta' Alla. It-tweġiba li jagħti Alla mhix xi teorija jew għamla ta' filosofija, imma hija l-persuna ta' Ġesù Kristu. F'Ġesù l-ħniena ta' Alla ħadet is-sura ta' solidarjetà, għax Ġesù jerfa' fuq spallejh is-salib ta' kull bniedem li qed ibati; imma meta nqisu li Ġesù ma baqax taħt is-salib, imma għadda mill-mewt għall-Qawmien u hekk rebaħ l-għelm ta' kull limitazzjoni umana, huwa jsir tweġiba kollha tama għal dawk kollha li huma mxekkla minn kull xorta ta' limitazzjoni. Quddiem il-bniedem li, magħkus bit-tbatija, jixxennaq għall-miżerikordja ta' Alla, Kristu huwa l-wiċċ tal-miżerikordja tal-Missier.

Nixtieq ħafna li dan il-Ġublew tal-Ħniena jkun mument ta' opportunità pastorali biex filwaqt li nikkonfermaw lil dawk li huma sħaħ fil-fidi, inwieżnu lil dawk li propju għax qed jgħixu fil-periferija eżistenzjali u spiritwali, kważi tilfu jew abbandunaw il-fidi tagħhom. Kif jikteb il-Papa Franġisku, "kemm sitwazzjonijiet ta' inċertezza u tbatija għandna fid-dinja tal-lum! Kemm ġrieħi miftuħa fil-ġisem ta' ħafna li m'għadx għandhom iżjed leħen għax il-karba tagħhom hija mxejna u mitfija minħabba fl-indifferenzi tal-għonja. F'dan il-Ġublew… il-Knisja qed tkun imsejħa tfejjaq dawn il-ġrieħi, iddewwihom biż-żejt tal-faraġ, tinfaxxahom bil-ħniena u tfejjaqhom bis-solidarjetà u l-attenzjoni li jeħtieġu" (MV, 15).

Huma diversi l-inizjattivi pastorali li nistgħu nieħdu biex niltaqgħu mal-bniedem fgat fil-limitazzjonijiet tiegħu; imma nixtieq li bħala presbiterju djoċesan napprezzaw aktar is-sagrament tal-Qrar – kemm għaliex fih innifsu huwa bħal "menqgħa ta' miżerikordja" fejn, bil-qawwa tal-ministeru saċerdotali, aħna biss nistgħu ngħinu lill-paralitiċi ta' żmienna jieħdu r-ruħ; kif ukoll għaliex il-konfessjonarju huwa *alla portata* ta' kull presbiteru. Ir-raba' sagrament huwa l-okkażjoni fejn kull bniedem, konxju mil-limitazzjoni tiegħu, imtaqqal bil-konsegwenzi tal-għażliet żbaljati li jkun wettaq, ferut bid-dnub tiegħu, jinġibed lejn Alla li dejjem lest li jgħannqu miegħu u jaħfirlu.

Propju għaliex meta jiddeċiedi li jersaq fil-konfessjonarju biex "ibattal l-ixkora", il-bniedem ikun mifni bil-misteru tal-ħażen u wisq probabbli jkun għadda minn taqbida interjuri biex jiftaħ qalbu mas-saċerdot, aħna rridu noqogħdu ħafna attenti li ma nnaffru u ma nkeċċu lil ħadd. Aħna s-saċerdoti m'aħniex "propjetarji tas-sagrament" imma qaddejja fidili tal-maħfra ta' Alla. Aħna msejħin biex fil-konfessjonarju "inkunu sinjal konkret tal-kontinwità ta' mħabba divina li taħfer u tifdi". Kittieb Taljan, Sandro Veronesi, jirrakkonta kif dakinhar tal-Ġublew taż-Żgħażagħ kien fic-*Circo Massimo* fejn kien hemm organizzat il-Qrar. F'dik iċ-ċirkustanza dan jgħid li ġietu x-xewqa li jmur iqerr… kien ilu tletin sena ma jmur il-knisja… minn dakinhar tal-Griżma tal-Isqof! Wara li qagħad itella' u jniżżel, fl-aħħar iddeċieda li jersaq. Qabeż iċ-ċint u beda miexi lejn wieħed mill-konfessuri. Ġie fuqu wieħed li kien responsabbli mill-ordni u żammu għax ma kellux "biljett" (*pass). "Cosi sfumò il mio rientro nel cattolicesimo"* (*La Repubblica*, Settembru 2009). Nittama li ma hawnx ħafna *Veronesi*! Ftit ilu qalbi ngħafset meta kappillan qalli li marret persuna għandu tibki għax marret għand saċerdot u minħabba r-riġidità tiegħu, ċaħħdilha l-assoluzzjoni! Nirrakkomandalkom biex hemmhekk fejn hemm il-qalb niedma li hija bil-għatx għat-tgħanniqa ta' Alla Ħanin, ma tirrifjutaw il-maħfra lil ħadd. Fejn tidħol il-ħniena, *melius abundare quam deficere*.

Huwa l-Papa nnifsu li fil-Bolla tal-Indizzjoni tas-Sena Mqaddsa jindika li huwa urġenti li nerġgħu nagħtu prijorità lil dan is-sagrament. "Tant persuni qed jerġgħu jersqu lejn is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u fosthom għadd ta' żgħażagħ, li f'din l-esperjenza qed isibu mill-ġdid il-mixja li treġġagħhom lura għand il-Mulej, biex jgħixu mument qawwi ta' talb u jiskopru mill-ġdid is-sens ta' ħajjithom. Ħa nqiegħdu b'konvinzjoni mill-ġdid fiċ-ċentru lis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni biex jagħtina li mmissu b'idejna l-kobor tal-ħniena. Dan ikun għal kull penitent għajn ta' sliem ġewwieni veru" (MV, 17). Huwa indikattiv ħafna li fuq xewqa tal-Papa nnifsu ftit ġimgħat oħra f'San Pietru ser ikun hemm l-espożizzjoni ta' żewġ konfessuri kbar, San Piju tal-Pjagi u San Leopoldu Mandic, bħala Patruni ta' din is-Sena Ġubilari. Lil Patri Leopoldu sejħulu "ikona tal-miżerikordja divina", filwaqt li Patri Piju kien jgħid li "jekk il-konfessuri jqarru kif suppost iqarru, l-Insara jkunu kif suppost għandhom ikunu".

Faċli nifhmu għaliex il-Papa qed jgħidilna biex "*inqiegħdu b'konvinzjoni mill-ġdid fiċ-ċentru* lis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni". Din hija stedina għall-Insara li għal diversi motivi ttraskuraw dan is-sagrament; imma huwa wkoll appell għalina s-saċerdoti li stajna konna aħna wkoll li begħedna l-penitenti minn dan is-sagrament – kif darba rrimarka l-Papa Benedittu XVI, ħafna nies ma jfittxux il-konfessjonarju għax, meta fittxewh, ma sabux min jismagħhom (Ġunju 2009)! Jekk aħna ma għandniex ħin biex noqogħdu fil-konfessjonarju; jekk lanqas ninvestu biex ikollna post xieraq għal dan is-sagrament fil-knejjes tagħna, jew mank paċenzja biex inqarru fil-konfessjonarju jew kamra tal-Qrar; jekk ma nikkurawx dawk is-sinjali liturġiċi li jgħinu biex titfisser il-grazzja li tingħata (mank stola ma nilbsu – u dan qed ngħidu meta jkollna ċans nilbsu stola u xorta ma nilbsuhiex); jekk inqarru bl-għaġla, b'mod mekkaniku u abitudinarju; jekk inkunu formali, legalisti u impersonali; jekk għamilna

mill-Qrar interrogatorju ġudizzjarju u "sala tat-tortura" (EG, 44); jekk irriduċejna l-Qrar għal sessjoni ta' *counselling* psikoloġiku u battalnieh mis-sagralità tiegħu; jekk użajna l-Qrar għal motivi barranin għas-sagrament, forsi wkoll b'xamma ta' simonija; jekk inqdejna bil-Qrar bħala mezz ta' poter temporanju u aktar – dawn huwa kollha fatturi li jherru l-fiduċja tal-penitent mhux biss fis-saċerdot imma wkoll fis-sagrament fih innifsu.

Imma huwa fatt ukoll li għal dawn l-aħħar ħames mitt sena, jiġifieri minn Trentu 'l hawn, il-Knisja baqgħet tiċċelebra dan is-sagrament bl-istess mod. Fil-fatt, it-teologu Giovanni Del Missier jgħid illi kieku kellu jiġi fostna llum Kattoliku li kien jgħix fis-seklu sbatax, dan kien isib diffikultà biex jagħraf u jiċċelebra s-sitt sagramenti l-oħra, inkluż l-Ewkaristija, imma mhux is-Sagrament tal-Penitenza. Aktar minn ħamsin sena ilu (1963), il-Konċilju Vatikan II kien diġà fisser il-bżonn li "*ir-rit u l-formula* tal-Penitenza għandhom jiġu riveduti biex jesprimu b'mod aktar ċar in-natura u l-effett tas-sagrament" (*Sacrosanctum Concilium*, 72). Dan ifisser li dakinhar il-Padri tal-Konċilju diġà għarfu li l-prassi tar-raba' sagrament ma kinitx qed twieġeb għall-esiġenzi tal-poplu ta' Alla. Interessanti li t-talba kienet biex issir reviżjoni mhux ta' xi aspett aċċidentali imma tal-essenza tas-sagrament.

Huwa minnu li fl-*Ordo Pœnitentiæ* tal-1974 kien hemm proposti tliet forom ta' kif nistgħu niċċelebraw dan is-sagrament, imma prattikament aħna s-saċerdoti għażilna li nibqgħu bl-ewwel forma a skapitu tat-tnejn l-oħra li baqgħu ittra mejta. Il-liturġista Rinaldo Falsini josserva li min jinjora l-viżjoni triplika tas-sagrament, ikun qed jarmi għana awtentiku tal-fidi u tal-ħajja spiritwali u jibqa' barrani għat-tiġdid kbir li ġab il-Konċilju. Nappella biex tal-inqas nibdew nużaw it-tieni forma jew rit (dik li nsejħulha ċ-ċelebrazzjoni penitenzjali), jiġifieri fejn ikun hemm: (1) liturġija tal-Kelma, (2) omelija, (3) eżami ta' kuxjenza u stqarrija ġenerali f'forma litanika, (4) il-Missierna, (5) qrara individwali u assoluzzjoni individwali, (6) konklużjoni. Importanti nirrikonoxxu li l-aspett komunitarju ta' din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali mhux xi ħaġa estetika jew ċerimonjali, imma huwa maħsub biex nerġgħu niksbu lura dak li kien jeżisti fil-bidu u tlifnieh: li l-ġemgħa ekkleżjali hija l-ambjent fejn il-midneb jista' jikseb il-maħfra divina permezz tal-medjazzjoni mhux biss tas-saċerdot ordnat imma wkoll permezz tas-saċerdozju komuni eżerċitat mill-ġemgħa bil-karità, ix-xhieda u t-talb (ara LG, 11). Bil-privatizzazzjoni tal-Qrar awrikulari tlifna kemm id-dimensjoni soċjali u ekkleżjali tad-dnub u kemm id-dimensjoni komunitarja tas-Sagrament tal-Penitenza.

Għandna bżonn negħlbu l-mentalità ta' "inqerr biex nitqarben", għax dan is-sagrament huwa esperjenza aktar qawwija minn sempliċi "passaport" biex tirċievi l-Ewkaristija. Insib interessanti l-proposta li kien għamel Martini fis-snin tmenin fejn ifisser li ċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza għandu jkollha tliet waqtiet: *confessio laudis, confessio peccati et confessio fidei*. B'dan is-suġġeriment Martini jfisser li hu biss meta jiġi konxju mill-barkiet li jkun irċieva mingħand Alla (*confessio laudis*) li l-penitent jista' jkejjel il-limitazzjoni tiegħu li minħabba fiha jkun irrifjuta r-relazzjoni tiegħu ma' Alla, għajn ta' kull ġid (*confessio peccati*). Huwa ma jkunx jista' jinqala' minn din is-sitwazzjoni tal-limitu (id-dnub) jekk ma jagħmilx att ta' fiduċja f'Alla (*confessio fidei*). Huwa biss meta jiġi wiċċ imb wiċċ mal-miżerikordja ta' Alla, li jħobb lill-bniedem li ma jħobbux, li l-midneb jaf jiġi f'tiegħu u jintebaħ bil-vojt u l-kruha tal-assenza ta' Alla li hu stess ikun keċċa minn ħajtu. Għalhekk xi teologi – u l-Papa huwa ta' din il-linja – biex jaffermaw li l-grazzja tasal għand il-midneb qabel ma dan jistqarr ħtijietu, jixtiequ jaraw inverżjoni tat-tappi tas-sagrament tal-Qrar bl-istess mod kif seħħ fil-passaġġ bejn l-ewwel u t-tieni millennju: kif fil-Penitenza kanonika li kellha tliet tappi (stqarrija, penitenza u rikonċiljazzjoni) għaddejna għall-forma awrikulari (stqarrija–rikonċiljazzjoni–penitenza), issa t-tappi għandhom ikunu *rikonċiljazzjoni, stqarrija u penitenza*. F'din il-linja nifhem kliem il-Papa Franġisku: "Il-fidwa li joffrilna Alla hi frott tal-ħniena tiegħu.

M'hemmx azzjoni li nistgħu nagħmlu bħala bnedmin, tajba kemm hi tajba, li tista' taqlgħalna don hekk għoli. Alla, bi grazzja tiegħu biss, jiġbidna lejh biex jorbotna miegħu. Il-Knisja hi mibgħuta minn Ġesù Kristu bħala sagrament ta' salvazzjoni li joffrilna Alla" (EG, 112). Jien konvint li din il-viżjoni tista' tħawwad lil xi wħud – ma nagħtihomx tort; it-tort huwa tagħna għax huwa dmir tagħna li niffurmawhom, u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Qrar, meta ssir bil-kalma u f'ambjent dekoruż, tista' tkun ukoll opportunità ta' formazzjoni. Nemmen li r-riforma fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Qrar taf ġġib magħha riforma fil-persuni u fil-komunità ekkleżjali.

Din il-formazzjoni tal-kuxjenzi hija urġenti partikularment f'din l-epoka ta' tranżizzjoni li għandha effett ukoll fir-rigward taċ-ċelebrazzjoni effettiva tar-raba' sagrament. L-ewwel nett, għalkemm qed iseħħ il-passaġġ mill-epoka ta' Knisja post-Tridentina, għadha fluwida ħafna r-riforma tal-Knisja tal-Konċilju Vatikan II; imbagħad, fuq livell soċjali, hemm il-passaġġ minn dik li kienet il-"Kristjanità" għal soċjetà lajka. Peress li llum intilfet l-unità bejn il-*polis*, *il-familja*, *it-teoloġija* u *l-liturġija*, u b'konsegwenza żviluppa *ethos* pubbliku miftum mill-*ethos* Kristjan, ninnutaw li kulma jmur qed dejjem isir kumplikat il-kollokju bejn il-konfessur u l-penitent. Anki minħabba nuqqas ta' formazzjoni Nisranija, mhux rari li f'dan il-kuntest l-istess penitent juża kejl etiku lajk, u b'riżultat ta' dan, il-komunikazzjoni fil-Qrar issir diffiċli. Għalhekk, jekk irridu li dan is-sagrament jagħti l-frott mixtieq, huwa dmir tagħna l-presbiteri li ngħinu fil-bini tal-"komunità Nisranija" li l-pern tagħha ma huwiex xi kontenut moralistiku imma l-persuna ta' Ġesù Kristu (ara PO, 6). Anki din hija tranżizzjoni etika-duttrinali importanti li għenitna naraw f'dawl ġdid l-etika sesswali u l-pastorali mad-divorzjati li reġgħu żżewġu, biex insemmi żewġ eżempji.

Barra minn hekk, il-konfessur mhux qiegħed hemm biex jiddefendi l-liġi morali astratta; imma huwa fdat minn Kristu u l-Knisja biex f'isem Alla jagħti tmellisa ħelwa lill-midneb niedem u jgħinu jaqbad it-triq tal-konverżjoni u jidħol, anki gradwalment, fil-ħajja ta' Kristu. Il-konfessur ma jistax jinsa kif il-penitent qiegħed jagħraf u jesperimenta l-verità morali fil-ħajja tiegħu; l-għan tiegħu bħala konfessur huwa l-ġid preżenti u futur tal-penitent. Għalhekk, f'ċerti ċirkustanzi, il-konfessur jista' jassolvi anki jekk is-sitwazzjoni tal-penitent *ex parte obiecti* tkun tidher inkompatibbli mal-verità morali.

F'dan il-kuntest, il-konfessur, aktar mix-xjenza morali (*scientia moralis*), għandu bżonn jikseb l-*ars confessandi* mżewġa mal-*ars medica* u l-*ars consulendi*. Aktar milli hu "mħallef", il-konfessur huwa tabib, fis-sens li għandu jkollu dik il-kapaċità li jdewwaq il-miżerikordja ta' Alla billi jinfaxxa l-feriti interjuri tal-penitent u jkennu ma' Kristu li hu biss jista' jgħinu jikber fl-imħabba. Fil-fatt, fil-*Prænotanda* tal-*Ordo Pœnitentiæ* jingħad li "il-konfessur għandu jilqa' lill-penitent b'atteġġjament ta' missier (*paterno munere fungere*) biex hekk juri lill-midneb il-qalb tal-Missier u jkun jixbah lil Kristu ragħaj". Mons. Girotti, Reġġent tal-Penitenzerija Appostolika, jikkummenta li għall-Kurat ta' Ars l-aktar ħaġa importanti fil-Qrar kienet il-laqgħa personali ma' Ġesù Feddej u permezz tiegħu mal-Missier kollu ħniena. Fil-Katekiżmu nsibu li l-konfessur jaqdi l-ministeru tiegħu "tas-Samaritan it-tajjeb li jdewwi l-ġerħat, tal-Missier li jistenna l-iben il-ħali jerġa' lura ħa jilqgħu fi ħdanu, l-imħallef ġust li ma jħarisx lejn wiċċ in-nies u jagħmel il-ħaqq skont il-ġustizzja u l-ħniena. F'kelma waħda, is-saċerdot hu sinjal u strument tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-midneb" (KKK, 1465). Il-Papa Franġisku ma jehdiex ifakkarna li bħala konfessuri aħna *ministri tal-miżerikordja*: "Il-qalb tal-konfessur hija qalb li taf tħoss, mhux għax sentimentali jew sempliċi emotiva, imma minħabba l-ġewwieni tal-miżerikordja tal-Mulej… Dak is-saċerdot li ma għandux għal qalbu dan il-ministeru tal-Qrar, kemm bħala ħin li jgħaddi jqarar u kemm bħala spiritwalità, huwa bħal ragħaj li ma jafx jieħu ħsieb in-nagħaġ li ntilfu; huwa

bħal missier li jinsa lit-tifel li jkun intiliflu u ma jafx jistennieh ġej lura. Imma l-ħniena hija l-qalba tal-Vanġelu. Alla jħobbna u dejjem jibqa' jħobb lill-midneb, u b'din l-imħabba jiġbdu lejh u jistiednu għall-konverżjoni. Hemm bżonn noqogħdu attenti minn żewġ estremi: ir-rigoriżmu u l-lassismu… Il-Qrar mhux tribunal ta' kundanna, imma esperjenza ta' maħfra u miżerikordja". Bi kliem dirett lilna s-saċerdoti l-Papa jgħidilna: "Fil-konfessjonarju jersaq iż-żgħir (il-midneb). Meta jurik il-miżerja tiegħu, tgħajjatx miegħu, tikkastigahx. Jekk inti bla dnub, itfagħlu l-ewwel ġebla; jekk le, aħseb fi dnubietek. Ftakar li inti tista' tkun flok dak il-midneb, anzi tista' tinżel fil-baxx aktar minnu. Ftakar li f'dak il-waqt int għandek teżor f'idejk: il-miżerikordja ta' Alla – tegħjewx taħfru kif kien jaħfer Ġesù" (Omelija fil-Katidral ta' Havana, Kuba, 20 ta' Settembru 2015).

Biex aħna l-konfessuri ma nittradux il-ministeru tagħna, tajjeb niftakru f'dak il-patrimonju kollu għerf magħruf bħala *praxis confessarii*. Insemmi biss ftit minn dawn ir-regoli tad-deheb: is-sagrament qiegħed għall-penitent; is-sagrament huwa meħtieġ biss meta hemm dnub gravi; id-dnub huwa gravi biss meta huwa tali kemm oġġettivament u kemm suġġettivament; hemm differenza bejn id-dnub formali u dnub materjali; fejn hemm injoranza invinċibbli, żball bla ħtija jew kuxjenza suġġettivament difendibbli dwar il-gravità oġġettiva ta' xi att jew sitwazzjoni, ma hemmx kundizzjoni ta' ħtija suġġettiva gravi.

Imma l-aqwa tħejjija biex inkunu konfessuri tajbin nagħmluha jekk aħna nkunu minn dawk li jittallbu l-miżerikordja billi ninżlu għarkupptejna quddiem il-konfessur u nitolbu maħfra ta' dnubietna. Xi drabi bħal nissuspetta li aħna nafu nkunu iebsin mal-penitent għax kapaċi nqarrqu bina nfusna u ma nammettux li aħna nonqsu bħal kulħadd. Jekk aħna stess inqerru b'mod leġġer, bl-għaġġla, infantili u abitudinarju, kif nistgħu noffru servizz aħjar bħala konfessuri? Meta jien ma nġarrabx personalment il-faraġ u t-tenerezza ta' Alla meta nqerr, ikun ferm diffiċli għalija nifhem x'inhu mistenni minni biex bħala konfessur nakkumpanja lill-penitent jagħmel din l-esperjenza! Jekk is-saċerdot tilef is-sens ta' dnub għalih innifsu, kif jista' japprezza d-dmugħ tal-penitent niedem? *Piscis primum a capite fœtet.* Fih x'wieħed jomgħod il-kliem ta' San Ġwanni Pawlu II meta kitbilna: "Importanti li aħna s-saċerdoti niskopru s-sagrament tal-Qrar bħala għodda fundamentali tal-qdusija tagħna. Meta aħna navviċinaw lil ħuna fis-saċerdozju u nitolbuh l-assoluzzjoni li aħna stess nagħtu lill-Insara, jgħinna ngħixu dik il-verità kbira u ta' konsolazzjoni li qabel ma aħna ministri, aħna membri tal-istess poplu, poplu ta' persuni mifdija. Huwa sabiħ li nistqarru d-dnubiet tagħna u nħossu nieżel fuqna l-balzmu tal-miżerikordja li jagħtina s-saħħa biex inqumu u nimxu. Huwa biss dak li jagħmel l-esperjenza tat-tgħanniqa tal-Missier… li jkun jista' bħala konfessur jittrasmetti lill-oħrajn l-istess sħana" (Ittra nhar Ħamis ix-Xirka, 2001). Għadhom jgħoddu l-pariri siewja li tana l-istess Papa fil-*Pastores dabo vobis*: "Il-ħajja spiritwali u pastorali tas-saċerdoti… tiddependi ħafna milli jersqu, spiss u bil-għaqal kollu, għas-Sagrament tal-Penitenza. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, il-misteru tas-sagramenti l-oħra, il-ħeġġa pastorali, ir-relazzjoni mal-fidili, ix-xirka mal-aħwa, il-koperazzjooni mal-Isqof, il-ħajja tat-talb, fi ftit kliem il-ħajja kollha tas-saċerdot tikseb żgur ħsara jekk hu jonqos, jew minħabba t-traskuraġni jew minħabba xi raġuni oħra, li jersaq għas-Sagrament tal-Penitenza b'mod regolari, imqanqal mill-fidi vera u minn devozzjoni xierqa. Saċerdot li ma jqerrx dnubietu jew iqerrhom ħażin, iġarrab ħsara fil-fatt li hu saċerdot, u fil-fatt li hu msejjaħ biex jaqdi l-ministeru ta' saċerdot, u b'dan tintebaħ ukoll il-komunità li tagħha huwa ministru" (26). Tal-istess fehma huwa l-Papa Franġisku: "L-isqof u s-saċerdot li ma jqerrux b'mod regolari, maż-żmien jitilfu l-għaqda tagħhom ma' Kristu u jsiru tant medjokri li ma jagħmlux ġid lill-Knisja" (24 ta' Marzu 2014).

Aktar ma nemmnu fil-Qrar aħna għall-mixja spiritwali tagħna, aktar ma nieħdu ħsieb li jkollna konfessur u li nagħtu l-ħin biex nagħmlu u ngħixu fil-fond l-atti kollha tal-penitent, aktar ma aħna stess inġarrbu ta' spiss l-esperjenza tal-*confessio laudis*, *confessio peccati* u *confessio fidei*, aktar ser inkunu ministri awtentiċi tal-Miżerikordja divina. Kif ifakkarna d-Direttorju għall-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri, li aħna s-saċerdoti nqerru hija l-"ewwel kundizzjoni biex nagħmlu rivalutazzjoni pastorali ta' dan is-sagrament: fil-Qrar frekwenti l-presbiteru jitgħallem jifhem lill-oħrajn, u – fuq l-eżempju tal-qaddisin – jiġi mbuttat biex jerġa' jqiegħed dan is-sagrament fiċ-ċentru tat-tħassib pastorali tiegħu" (72). Ħuti, neżortakom: ħudu bis-serjetà, għożżu s-sagrament tal-Qrar fil-ħajja spiritwali tagħkom! Ħallu lil Alla jgħannaqkom miegħu! Hekk tistgħu twasslu t-tgħanniqa tiegħu lill-bnedmin.

Kif josserva l-Papa Franġisku fil-*Misericordiæ Vultus*, "konfessuri ma nsirux f'daqqa" (17). Barra l-ħtieġa tal-formazzjoni teoloġika (nirrakkomanda b'mod partikulari l-parteċipazzjoni tagħkom fil-"każ morali"), hemm ukoll il-formazzjoni ta' ħajja axxetika. Naqsam magħkom rakkomandazzjoni interessanti li sibt fil-*Benedizionale Slavo* (Trebnik) lill-konfessuri: "Min jirċievi l-kunfidenzi tal-oħrajn, għandu jkun mudell tal-virtujiet kollha, temperanti, umli, twajjeb, u jkun bniedem ta' talb biex ikun jista' jagħti kelma ta' għerf u jikkoreġi lil dawk li javviċinawh. Hu stess għandu jsum l-Erbgħa u l-Ġimgħa s-sena kollha… biex dak li jipprattika jkun jista' jordnah lill-oħrajn… Inkella min hu dak l-iblah li ser jisimgħu meta jarah imħarbat u fis-sakra, imbagħad jgħallem lill-oħrajn biex ma jixorbux u jgħixu l-ħajja ta' virtù! San Nikodemu l-Aghiorita jikteb hekk lill-konfessur: 'Għandek bżonn tfejjaq u tirbaħ il-passjonijiet tiegħek, għax jekk tipprova tfejjaq lil ħaddieħor qabel ma tkun fiqt inti, tisimgħu jgħidlek: "Tabib, fejjaq lilek innifsek!". Jekk trid iddawwal u tgħin lill-oħrajn isiru perfetti, inti stess trid tkun imdawwal u perfett'. U San Melezju l-Konfessur jgħid: 'Kif iljun ma jista' qatt jirgħa ħaruf, hekk ukoll dawk li huma maħkuma mill-passjonijiet ma jistgħux jmexxu l-erwieħ'".

Dan kollu ħassejt li għandi naqsmu magħkom biex f'dinja fejn hawn ħafna tbatija, aħna nitħeġġu u bħala ministri tal-miżerikordja nkomplu nfarrġu lil ħutna, partikularment billi nagħmlu ħilitna ħalli nwettqu riforma fil-prassi penitenzjali attwali. Jien konvint li Alla li wera ħniena magħna meta sejħilna għall-ministeru, ser jibqa' jieqaf magħna biex aħna nkunu kanali li minnhom il-ħniena tiegħu tasal għand il-bniedem.

Bħala punti prattiċi nixtieq li:

1. is-saċerdoti volontarjament joffru sigħat ta' Qrar;
2. tal-inqas fil-knejjes parrokkjali jkun hemm "santwarju tal-Qrar";
3. il-Qrar isir biss f'post dinjituż fejn tiġi mħarsa s-sagralità u l-kunfidenzjalità;
4. fil-knejjes kollha din is-sena jkun hemm orarju tal-Qrar;
5. darba fil-ġimgħa l-knejjes parrokkjali jibqgħu miftuħa sa tard u jipprovdu servizz ta' Qrar;
6. norganizzaw ċelebrazzjoni penitenzjali komunitarja;
7. flimkien mat-tliet knejjes ġubilari, ser nagħmel il-knisja ta' San Ġakbu knisja penitenzjali;
8. tlabt lis-Santa Sede biex il-Papa jaħtar lil Patri Marcello Ghirlando OFM bħala "missjunarju tal-ħniena" – huwa jkollu l-awtorità li jaħfer anki d-dnubiet riservati għas-Sede Appostolika u jkun "predikatur konvinċenti tal-ħniena".